KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tal-44 laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar, 2016 u li bdiet fis-1.15 p.m.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-</u>

| | |
|---|---|
| **<u>Sindku:</u>** | Is-Sur Philip Vella |
| **<u>Viċi Sindku:</u>** | Is-Sinjura Frances Galea |
| **<u>Kunsillieri:</u>** | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| **<u>Uffiċċjali:</u>** | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| **<u>Ambaxxatur taż-żgħażagħ:</u>** | (kien assenti) |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, l-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħa preċendenti Nru. 43 – 8, li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsilliera Maria Cassar Sultana nfurmatu li mhux ser tattendi għal din il-laqgħa peress li tinsab ma tiflaħx.

## 2. Performance Bonus tal-impjegati

Is-Sindku ressaq il-Performance Bonus ta' l-Impjegati għas-sena 2015 għal-approvazzjoni tal-Kunsill. Dawn ġew approvati b'dan il-mod:

- Is-Segretarju Eżekuttiv Jason Curmi ġie mogħti 10%
- L-Iskrivana Geraldine Mercieca ġiet mogħtija 6%

Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti rringrazzjaw lill-impjegati tax-xogħol kemm dak eżekuttiv u dak amministrattiv li sar matul is-sena 2015.

Fil-kas tas-Segretarju Eżekuttiv, l-Appraisal Report u Performance Bonus 2015 ser jintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.

## 3. Laqgħa Annwali Pubblika

Il-Kunsill qabel li d-data tal-Laqgħa Annwali Pubblika għandha ssir nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016, fil-5.00 p.m., fis-sala tal-Kunsill, wara l-laqgħa tal-Kunsill Lokali. Ir-residenti u l-pubbliku nġenerali għandu jkun avżat permezz ta' flyer li għandu jitqassam f'kull dar f' Ta' Sannat u jsiru avviżi fuq il-gazzetti lokali u dik tal-Gvern.

## 4. Il-Karnival Ta' Sannat

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Karnival Ta' Sannat, fis-snin l-imgħoddija kien isir it-Tnejn tal-Karnival, din is-sena l-ġurnata għandha tinbidel u jsir il-Ġimgħa 5 ta' Frar, mis-6.30 p.m. 'l quddiem, fil-Pjazza Santa Margerita. Dan peress li t-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser terġa torganizza l-Karnival fil-Pjazza tat-Tokk ir-Rabat nhar it-Tnejn 8 ta' Frar u għalhekk mhux ser jgħamel sens li ssir din l-attivita' fl-istess ħin meta s-sena l-oħra sar tgergir dwar id-dewmien fir-Rabat kemm mill-kumpaniji tal-Karnival kif ukoll mill-udjenza. Il-Kunsill qabel ma din il-ġurnata u għandu jinforma lit-Taqsima tal-Kultura bil-ġurnata tal-Ġimgħa 5 ta' Frar biex jinkludu din id-data fil-programm tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-laqgħat imejls mibgħuta minn kumpaniji tal-Karnival bil-prezzijiet mitluba. Sar qbil li dawn il-Kumpaniji taż-żfin u maskri grotteski jiġu mistiedna. Bħas-sena l-oħra ser terġa ssir kompetizzjoni għall-aħjar sitt maskarati spontanji biex jitqajjem l-ispirtu tal-Karnival tradizzjonali. Il-Kunsill qabel li għal din il-kompetizzjoni l-premijiet ikunu f'cash prizes bħas-sena l-oħra, fl-ewwel post €50, fit-tieni post €40, fit-tielet post €30, fir-raba', fil-ħames u fis-sitt post €20 kull wieħed. Għandha titqabbad ġurija apposta għal din il-kompetizzjoni.

Il-Kunsill qabel li għandu jistieden lill-Kav. Joe M. Attard bħala compere. Għandu jistieden ukoll lid-daqqaqa folkloristiċi Ta' Seguna u għandu jinkera s-sound system. Għal din l-attivita' għandha tintalab l-għajnuna tal-Pulizija u gwardjani lokali.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li f'każ tal-maltemp din l-attivita' ma ssirx. Il-Kunsill qabel ma dan.

*Is-Sindku ssospenda l-laqgħa fis-1.30 p.m.*

Waqt din il-laqgħa attenda l-Perit tal-Kunsill Edward Scerri fejn dan spjega l-adament tal-proġett tal-Pjazza Santa Margerita bil-pjanta li huwa ħejja. Is-Sindku qal li dan qed isir wara diversi laqgħat li saru mas-sotto kumitat li nħattar mill-Kunsill dwar dan il-proġett. Il-Kunsillier Joe Bajada ssuġġerixxa li għandu jsir *trial* tat-*traffic management*. Il-Perit qal li dan it-*trial* jkun jista jsir wara li l-Kunsill jkollu l-*clearance* minn għand Transport Malta. Il-Perit qal li wieħed għadu jrid jara x'materjal wieħed jista juża għal pavimentar ta' din il-pjazza. Is-Sindku qal li huwa neċessarju li l-Kunsill jgħamel visual artistic impression ta' dan il-proġett biex ir-residenti jkunu jistgħu jaraw dak li ser isir minn qabel.
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li dan il-proġett jkun jista jsir dejjem suġġett għal fondi Ewropej.

Il-Perit ta wkoll spjegazzjoni dwar x'kienu jikkonsistu l-fondi addizzjonali fil-Proġett tal-Pjazzetta tax-Xelina u l-istorm water culvert fi Triq Dun Xand Aquilina. Is-Sindku nforma lill-Kunsill Lokali li l-Kunsill iggwadanja minn dawn il-fondi u l-Kunsill iffranka li joħroġ il-flus mill-fond tiegħu permezz ta dawn il-fondi addizjonali. Madanakollu l-Kunsill xorta irid joħroġ ammont żgħir fuq dan il-proġett inġenerali. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratturi għadhom iridu jitħallsu l-VAT tal-kontijiet kollha preżentati u li dawn għandhom jitħallsu mill-fond nazzjonali.

*Il-laqgħa tkompliet fis-2.10 p.m., wara li l-Perit ħareġ mill-kamra tal-laqgħa.*

## 5. Materji oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tal-Kunsill illum, fl-10.00 ta' dalgħodu kellhom laqgħa mad-Direttur – Proġetti u Żvillup tal-Ministeru għal Għawdex fejn f'din il-laqgħa ġew diskussi dawn il-punti:

- Triq Sannat – Dwar din it-triq prinċipali tar-raħal Ta' Sannat il-Perit tal-Ministeru qal li kull ma kien jonqos hu li l-Perit tal-Kunsill jibgħatlu l-water catchments għal water culvert li ser isir fi Triq Sannat u li dan għandu jitkompla ma dak ta' Triq Dun Xand Aquilina u biex il-Kunsill jaħseb għal water culvert ieħor minn ħdejn l-Uffiċċju Parrokkjali minn Triq Ta' Ċenċ. B'dan il-Perit tal-Ministeru se jkun jista joħroġ l-offerta meħtieġa għal din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li dawn intbgħatu llum stess mill-Perit tal-Kunsill lill-Perit tal-Ministeru fejn il-Kunsill ġie kkupjat. Is-Sindku spjega lill-Kunsill li Sannat Junction ser nieħdu ħsieb li x-xogħol isir mill-Kunsill u li ser jħallas għalih il-Ministeru għal Għawdex. Is-servizzi l-ġodda kollha ser ikunu mgħoddija fuq in-naħa tal-Ufficcju tal-Kunsill, l-Għassa tal-Pulizija u l-iskola fejn il-wiċċ tat-triq ser isir concrete hard shoulder u fuq din in-naħa ser jibda jintuża għall-parking f'din it-triq.

- Triq Bardan - Is-Sindku qal li hu reġa fakkar lid-Direttur dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Bardan. Fejn il-Kunsill kien ibbenefika minn Miżura 125 (Fondi Ewropej) biex il-parti ta' fuq saret bil-konkos u kien sar ftehim biex il-Ministeru għal Għawdex jgħaddi l-wiċċ tat-triq il-parti residenzjali bit-tarmak. Dawn qalu li din it-triq għanda tiġi resurfaced bit-tarmak matul din is-sena.

- Tindif tal-blat fi Triq tal-Gruwa – L-Assistent Direttur tal-Ministeru għal Għawdex nforma lill-Inġinier tal-Indafa Pubblika fejn dan infurmana li dan ix-xogħol għandu jsir fil-ġimgħat li ġejjin u li din ser tiġi mnaddfa.

- Tindif ta' Triq Ta' Ċenc, Pjazza u Triq Sannat – L-Inġinier nfurmana li dan it-tindif qed isir mill-ħaddiem li għandhom attached magħhom.

- Embellishement fi Pjazzetta Ta' Ċenċ – Il-Perit tal-Ministeru għal Għawdex għandu jlesti l-pjanti neċessarji sabiex dawn jintbgħatu lill-MEPA għad-DNO biex din l-Pjazzetta tiġi msebbħa. Id-Direttur infurmana li Triq Ta' Ċenċ hija prijorita u li dan ix-xogħol ta' tarmak għandu jitlesta sa Marzu 2015.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li hu attenda għal preżentazzjoni fl-okkazzjoni tal-ftehim milħuq bejn il-Gvern u r-Reġjun ta Għawdex tal-bozoz tat-toroq li dawn ġew mibdula f'LED's u li r-responsabilta tagħhom issa ser tgħaddi f'idejn l-istess Reġjun. Din saret nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru fis-sala komunitarja tal-Kunsill Lokali L-Għarb.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie offrut żewġ Wifi Access Points ġodda minnbarra dawk li ġa għandu l-Kunsill, dak fil-bini tal-Kunsill u dak tal-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill applika għal dawn it-tnejn ġodda li ġew offruti wieħed fil-Playing field u l-ieħor fil-Ġnien tal-Bidwi.

4. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li għad fadal parti minn kont pendenti minn għand l-ARPA ta' €7670 Tal-Bidwi Park Miżura 313 li jmur lura għall-2012 dan kien malewwel invoice li jikkonsisti fil-Project Technical Consultant and Manager.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Ambaxxatur Eric Gauci nformah li ser jagħlaq it-18 il-sena fi Frar u għalhekk il-Kunsill għandu joħroġ sejħa għall-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi ġdid/a. Il-Kunsill qabel li toħroġ sejħa u f'każ li jkun hemm aktar minn persuna waħda dan jitla bil-polza waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għaddeja komunikazzjoni mad-Direttur tal-Gvern Lokali dwar l-istorm water culvert fi Triq tal-Gruwa. Dan wara li saret stima mill-ġdid mill-Perit tal-Ministeru għal Għawdex wara li sar il-water catchment area mill-Perit tal-Kunsill fejn deher biċ-ċar li hemm bżonn ta' katusa tas-600mm għal water storm culvert. Issa sar bdil fuq l-istima preċedenti peress li l-pajpiet ser ikunu akbar. Is-Sindku qal li dan huwa ta' gwadan għal Kunsill peress li din hija responsabilta' tal-Kunsill, għaliex flok ma joħroġ l-ammont tan-nefqa kollha biex isir dan, issa ser joħrog parti biss minn din l-ispiża.

7. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li għandu joħroġ kuntratt ġdid għat-tindif u manutensjoni tal-latrina pubblika fil-Ġnien tal-Bidwi. Il-Kunsill qabel ma dan.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru tlett talbiet għal tlett bozoz ġodda oħra. Waħda fi Triq il-Qortina, oħra fi Triq Saguna u oħra fi Triq Żabbetta.

9. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill attendew għal laqgħa apposta l-bieraħ, 12 ta' Jannar mac-Chairman tal-W.S.C. fil-Head office Ħal-Luqa fejn ġie diskuss l-agreement tal-pumping station fil-wied ta' Mġarr ix-Xini li kien ħejja l-Avukat tal-Kunsill, fejn sar qbil li ssir joint venture biex tkun tista tiġi rrestawrata din il-pompa ta' wirt storiku. Dan dejjem suġġett għal fondi. Dan għandu jintbgħat mill-kumpanija W.S.C. biex jiġi approvat mill-Kunsill.

10. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bejn il-Ġimgħa 22 u t-Tnejn 25 ta' Jannar 2016, hu flimkien ma' l-Arċipriet tal-Parroċċa ser jżuru Montefiascone biex jsaħħu l-ħbiberija li ġa hemm biex l-quddiem isir l-Ġemellaġġ ma dan ir-raħal fil-Provinċja ta' Viterbo, l-Italja.

11. Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali
MEMO 34/2015 Kuntratt dwar Latrini Pubbliċi
MEMO 35/2015 Talbiet għal servizzi mill-MITA

MEMO 01/2016 Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) 2014
MEMO 02/2016 Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali
MEMO 03/2016 Għeluq tas-sena finanzjarja

## 6. Ilmenti u suġġerimenti

1. Il-Viċi Sindku qalet li ġiet avviċinata minn Spiro Muscat fejn fakkar lill-Kunsill dwar il-problema tal-ilma li qed jidħol fil-garaxx tiegħu u tal-ġar mill-bankina li hemm fi Triq Paranji. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan ix-xogħol għandu jsir mill-Kuntrattur tal-bankini.

2. Is-Sindku ressaq ilment ta' Mark Muscat fejn qed jitlob li titbaxxa l-bankina li għandu quddiem il-garaxx fi Triq it-Tempju tal-Imramma. Il-Kunsill qabel ma dan.

3. Is-Sur Oliver Spiteri talab li ssir bankina ġdida fi triq ġdida fi Triq il-Moxa. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li din it-talba saret bil-Customer Care System biex isir mill-Ministeru għal Għawdex.

## 7. Skeda tal-Pagamenti għall-ħlasijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskedi ta' pagamenti Nru. 1, 1A, 1B, 1C biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskedi kif ippreżentati ġew moqrija w aċċettati mill-Kunsill. Kopja ta' dawn l-iskedi qedin jinhmeżu ma dawn il-minuti.

## 8. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-3.15 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 15 ta' Frar 2016, fit-3.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Philip Vella** | **Jason Curmi** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |